*kif kien mimdud fuq dik il-Qalb, x'ħass f'qalbu!*
*Min jaf x'tagħlim ta' ġenna f'ruħu trabba*
*min-nifs għażiż ta' Dak li l-kiefra sallbu!*

Versi oħra maħdumin mill-pinna mħarrġa tal-poeta veteran u li juru fih il-karatteristika tal-poeżija klassika tiegħu u li tagħżlu mill-poeti ta' qablu u minn xi wħud ta' żmienu li kienu għadhom mexjin fuq il-falsariga tal-metrika popolari Maltija, huma dawk li naqraw f'dawn is-sunetti: *Fil-Mewt tal-Patri Majjistru Wiġi Tonna Barthet; Lil Ġinu tiegħi; Marsaxlokk; Il-Bniedem; Tama f'Alla; Jesu Christe.*

Ġ.M.A. kien poeta varjat skond iż-żmien li għadda minnu. Fil-ħajja letterarja tiegħu naraw li għadda minn żewġ staġuni— dik ta' meta l-Malti kien għadu fin-nieqa tal-letteratura, u jekk kien hemm wieħed fost il-kittieba li kellu l-akbar sehem fiha, u wera li l-Malti għad jikber kien hu. Kien hu li ma staħax, bħal xi oħrajn, ibill il-pinna tiegħu fil-linka sewda tal-Malti mkasbar minn sħabu dak iż-żmien; kien hu li minn dik l-epoka beda jaħdem u baqa' jaħdem biex jiftaħ it-triq għall-koltivazzjoni tal-Malti, bil-ġurnaliżmu apolitiku, profan u reliġjuż u bil-kitba tiegħu novelliera u romanzeska u ta' poeżija wisq iżjed xierqa minn dik li sa dak iż-żmien kienet inkitbet.

Fil-versi ta' din l-istaġun naraw li l-poeżija tiegħu kienet iktarx ta' xeħta lirika ħafifa, mexxejja, iżda iktarx popolari milli akkademika. F'din il-poeżija għandna nistqarru li għandu xi ġawhra ta' min igħożżha u li tista' toqgħod f'antoloġiji għas-sentimenti ġenwini u kwadru naturali mfisser bi kliem sempliċi li jixirqu lis-suġġett bħalma hi l-poeżija "Mħabba ta' Missier" miktuba fl-1888, jiġifieri meta Ġ.M.A. kellu 25 sena.

Fit-tieni staġun tal-ħajja letterarja tiegħu naraw f'Ġ.M.A. il-poeta ta' sengħa mħarrġa bi stil aktar sod u ħsieb iktar meqjus bħalma jidher mis-sunetti li kiteb mill-1908 'il quddiem. Kien hemm min qal li l-poeżija ta' Ġ.M.A. għamlet iż-żmien tagħha u rabbiet l-għanqbut, u li meta xxebbaħha ma' dik ta' poeti li nibtu ma' l-aħħar snin ta' ħajtu u wara, ftit jew wisq tinkifes.

Kull poeżija bikrija għandha xi mindaqqiet it-tajjeb u l-mertu tagħha u ta' min japprezzaha. Min jaħseb xort'oħra juri li ma għandux sens ta' proporzjon fil-kriterju letterarju ta' moħħu. Hu x'inhu n-nuqqas jew it-tajjeb fil-poeżija



ta' Ġ.M.A. nistgħu ngħidu biss illi kieku ma kenitx il-poeżija ta' Ġ.M.A. li influwenzat u heġġet l-imħuħ u l-qalb ta' oħrajn li kienu jħossu fihom, bħalma kien iħoss hu, il-qawwa tal-ġenju u tal-vampa poetika kieku ma kienx ikollna poeti bħalma huma Dun Karm u Cuschieri, bħalma mbagħad il-poeżija ta' dawn wara żmien influwenzat u heġġet il-moħħ u l-qalb ta' oħrajn bħal Rużar Briffa, Anton Buttigieg, Patri Delia, u ma' dawn il-poeti żgħażagħ fosthom Ġorġ Pisani, Dun Frans Camilleri, Ġużè Chetcuti, Karmenu Vassalio, Mary Mejlaq, Marċell Mizzi, Ġorġ Zammit u xi oħrajn li qegħdin iżejnu u jkabbru bil-versi ġodda u qawwija tagħhom il-patrimonju tal-letteratura Maltija.

---

## KRISTU: SULTAN TAL-PAĊI U TA' L-IMHABBA

### SUNETT

*Ta'* Annibale Preca

*Lill-ħabib Giuseppi Muscat-Azzopardi.*

Fil-qiegħ tal-biki jsaltan għadu kiefer
Kburi, għajjur, qattiel ill'ismu Ġlied,
Illi bi snienu jbiċċer u bid-dwiefer
L-imsejkna t'Adam u Eva rsiera u wlied.

Dan kien fil-ħena; ma minn qalbu siefer
Ir-riżq u l-hena x'ħin jitkabbar ried:
Il-lum dejjem f'dagħdiegħa u dejjem ġiefer
Jidgħi 'l min ħalqu u jobgħod is-smewwiet.

Iżda ntemmet saltnatek, ja għajjur,
X'ħin ħa ġisem ta' bniedem il-Ħanin,
Sultan tal-paċi u minn ta' rwieħna Sid.

Ħuti l-egħżież bil-ferħ kif il-qalb tfur!
Imħabba jitlob minna dal-Bambin:
"Nar ġejt inkebbes fl-art, u mħabba rrid".

1899.